Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 14 ta' April 2026**
**(OR. en)**

**7616/2/26**
**REV 2**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2023/0226 (COD)**

**CODEC 511**
**AGRI 205**
**AGRILEG 62**
**ENV 268**

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Suġġett: | Abbozz ta' REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar pjanti miksuba minn ċerti tekniki ġenomiċi ġodda u l-prodotti tagħhom, u li jemenda r-Regolament (UE) 2017/625 **(l-ewwel qari)**<br>- Adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari u tad-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill |

1. Fil-5 ta' Lulju 2023, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill il-proposta tagħha[1], ibbażata fuq l-Artikoli 43, 114 u 168(4)(b) TFUE.

2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fis-26 ta' Ottubru 2023[2].

3. Il-Kumitat tar-Reġjuni ta l-opinjoni tiegħu fis-17 ta' April 2024[3].

4. Il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari fl-24 ta' April 2024[4].

---

1 11592/23 + ADD 1 sa 5.
2 ĠU C, C/2024/893, 6.2.2024, ELI: https://eur-lex.europa.eu/eli/C/2024/893/oj.
3 ĠU C, C/2024/3674, 26.6.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2024/3674/oj.
4 10952/24.

5. Fid-19 ta' Diċembru 2025, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti kkonferma l-qbil proviżorju li ntlaħaq mill-koleġiżlaturi dwar ir-Regolament[5] imsemmi hawn fuq, wara kuntatti informali bejn il-Kunsill u l-Parlament Ewropew.

6. Fil-5 ta' Frar 2026, il-Kumitat għall-Ambjent, il-Klima u s-Sikurezza tal-Ikel (ENVI) tal-Parlament Ewropew ikkonferma l-qbil proviżorju. Sussegwentement, il-President tiegħu bagħat ittra lill-President tal-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti li fiha ddikjara li l-Parlament Ewropew, fit-tieni qari tiegħu, għandu japprova l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari (wara reviżjoni mill-ġuristi lingwisti) mingħajr emendi[6].

7. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mitlub jissuġġerixxi li l-Kunsill jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari, kif tinsab fid-dokument 17037/25, u d-dikjarazzjoni tar-raġunijiet, kif tinsab fid-dokument 17037/25 ADD 1 + COR 1, bħala punt "A" f'laqgħa li jmiss, bil-Kroazja, l-Ungerija, l-Awstrija, ir-Rumanija, is-Slovenja u s-Slovakkja jivvutaw kontra u l-Belġju, il-Bulgarija u l-Ġermanja jastjenew.

8. Id-dikjarazzjonijiet għall-minuti tal-Kunsill jinsabu fl-Addendum ta' din in-nota.

---

[5] 16659/25.
[6] 6131/26.